



# Xogħol part-time fl-Ewropa

## Sommarju Eżekuttiv

### Introduzzjoni

L-impjieg part-time ilu jiżdied fl-Ewropa għal dawn l-aħħar żewġ deċenni. Dan japplika b'mod partikolari għal pajjiżi fejn arranġamenti differenti tal-ħinijiet tax-xogħol ġew diskussi fost dawk li jfasslu l-politika u l-imsieħba soċjali bħala mezz biex tiżdied il-flessibilità. Ix-xogħol *part-time*, fis-sens wiesa' tal-kelma, jista' jkollu effetti kemm pożittivi kif ukoll negattivi għall-ħaddiema u għal min iħaddem. Filwaqt li xi ħaddiema jarawh bħala soluzzjoni biex jibbilanċjaw il-ħajja tax-xogħol ma' dik tal-familja f'ċerti stadji tal-ħajja, ħaddiema part-time oħrajn jilmentaw dwar diversi żvantaġġi fuq ix-xogħol meta mqabbla ma' ħaddiema *full-time*. Ta' spiss ikun argumentat li m'hemmx karigi disponibbli għal persuni bi kwalifiki għoljin li jixtiequ jaħdmu part-time. Għal min iħaddem, ix-xogħol part-time jista' jkollu użu importanti fiċ-ċiklu tax-xogħol, iżda jista' jfisser ukoll żieda fl-ispejjeż tax-xogħol. Dan ir-rapport jipprova jgħaqqad flimkien ir-riżultati ta' żewġ servejs li saru madwar l-Ewropa biex jipprovdi stampa tax-xogħol *part-time* – billi jippreżenta l-perspettiva kemm tal-kumpanija kif ukoll tal-impjegat.

### Il-kuntest ta' politika

L-impjieg *part-time* huwa kopert mid-Direttiva tax-Xogħol *Part-Time* (97/81/KE), li timplimenta l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol *part-time*, li kien iffirmat mill-imsieħba soċjali fl-1997. L-għanijiet tagħha huma li telimina d-diskriminazzjoni kontra l-ħaddiema *part-time*, li ttejjeb il-kwalità tax-xogħol part-time, li tiffaċilita x-xogħol *part-time* volontarju u li tikkontribwixxi għall-organizzazzjoni flessibbli tal-ħin tax-xogħol, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet kemm ta' min iħaddem kif ukoll dawk tal-ħaddiema. Huma rilevanti wkoll id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol (93/104/KE), li tinkludi regolamenti dwar is-sigħat tax-xogħol imfassla sabiex ttiproteġi s-saħħa u sikurezza tal-ħaddiema u d-Direttiva dwar il-Paga Ndaq (75/117/KEE), li tipprojbixxi kull diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess fir-rigward tal-aspetti kollha u l-kondizzjonijiet tal-ħlas.

F'Marzu 2010, il-Kummissjoni Ewropea bdiet analiżi komprensiva tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol. Wieħed mill-obiettivi ta' din l-analiżi se jkun li ttejjeb il-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik privata, fejn għal darb'oħra x-xogħol *part-time* jitpoġġa fil-punt fokali tad-diskussjonijiet ta' politika.

### Sejbiet ewlenin

Reċensjoni tal-letteratura tikkonferma li l-*part-time* għandu konsegwenzi pożittivi u negattivi li huma differenti għal dawk li jħaddmu, għall-ħaddiema u għall-ekonomija b'mod ġenerali.

Mil-lat pożittiv:

- il-*part-time* għandu effett pożittiv fuq ir-rata tal-impjegi minħabba li huwa mifhum li jżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol;
- min iħaddem jista' jaġġusta r-riżorsi tiegħu skont il-kondizzjonijiet ċikliċi matul perjodu ta' żmien permezz tal-*part-time*;
- għall-impjegati jista' jkun soluzzjoni għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja, li jippermetti lill-ġenituri jqattgħu aktar ħin ma' uliedhom waqt li fl-istess ħin jibqgħu jaħdmu.

Mil-lat negattiv:

- il-part-time jista' jżid l-ispejjeż totali tax-xogħol għan-negozji minħabba l-preżenza ta' spejjeż fissi;
- l-impjegati li jaħdmu *part-time* bħala medja għandhom qligħ aktar baxx u inqas possibiltajiet għal progress fil-karriera tagħhom;
- xi riżultati jissuġġerixxu li l-kwalità tal-impjegi part-time bħala medja hija aktar baxxa, għalkemm is-sodisfazzjon fix-xogħol tal-ħaddiema *part-time* huwa ġeneralment simili għal dak tal-ħaddiema *full-time*.

Meta wieħed iħares lejn il-proporzjon u l-profil tan-nies li jaħdmu *part-time* madwar l-Ewropa, instab dan li ġej:

- Ir-rata tal-*part-time* żdiedet fl-aħħar żewġ deċenni kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa b'rata simili.
- Fl-istess ħin, ir-rata tal-*part-time* għan-nisa (32%) hija erba' darbiet akbar mir-rata tal-*part-time* għall-irġiel (8%).
- Filwaqt li l-*part-time* għall-irġiel huwa l-aktar komuni fost il-gruppi li huma l-iżgħar u l-akbar fl-età, ir-rata tal-*part-time* għan-nisa tiżdied mal-età, li jirrifletti inugwaljanzi bejn is-sessi fit-transizzjonijiet mill-*part-time* għall-*full-time*.
- Hemm differenzi kbar kemm fil-proporzjon tal-ħaddiema *part-time* kif ukoll fl-organizzazzjoni tax-xogħol *part-time* fil-pajjiżi Ewropej.

Id-differenzi fir-rata tal-*part-time* jistgħu jiġu spjegati minn diversi fatturi soċjoekonomiċi. Ir-raġunijiet għal rata baxxa ta' *part-time* jistgħu jirriflettu fenomeni ekonomiċi differenti ħafna, pereżempju:

- nuqqas ta' domanda jew saħansitra oppożizzjoni kontra l-*part-time* involontarju mill-ħaddiema;
- nuqqas ta' regolamentazzjoni;
- nuqqas ta' impjegji *part-time* ta' kwalità tajba;
- xogħol *part-time* mhux iddikjarat.

Min-naħa l-oħra, proporzjon oġġla ta' ħaddiema *part-time* nisa jista' jenfazizza ostakoli, pereżempju, għal aċċess għal kura tat-tfal bi spejjeż raġonevoli. Id-differenzi fil-kulturi tal-ħinijiet tax-xogħol jistgħu jaffettwaw ukoll ir-rieda tan-nies biex jaħdmu *part-time*.

Irriżulta li l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema *part-time* huma differenti minn dawk tal-ħaddiema *full-time*. Id-differenzi prinċipali kienu dawn li ġejjin:

- Dawk li jaħdmu sigħat iqsar huma inqas probabbli li jwettqu kompiti kumplessi;
- Il-ħaddiema *part-time* huma inqas ottimisti dwar il-prospetti tagħhom għal promozzjoni;
- Il-ħaddiema *part-time* huma inqas probabbli li jirċievu taħriġ u li jitgħallmu affarijiet ġodda fuq il-post tax-xogħol;
- Il-ħaddiema *full-time* huma aktar probabbli li jsibu l-impjieg tagħhom intellettwalment stimulant mill-ħaddiema *part-time*.

Il-mudelli *part-time* li ġejjin fost l-istabbilimenti Ewropej:

Fost il-kumpaniji Ewropej, il-*part-time* huwa l-aktar komuni fl-edukazzjoni, is-saħħa u l-ħidma soċjali, li kollha huma setturi ddominati min-nisa. Ġeneralment, proporzjon oġġla ta' ħaddiema nisa jirriżulta f'inċidenza oġġla ta' xogħol *part-time* f'ħafna kumpaniji. Il-*part-time* huwa ħafna drabi mwettaq permezz ta' xi sigħat fissi kuljum. Madankollu, għamliet oħra ta' *part-time* qegħdin isiru aktar komuni, u b'hekk iżidu l-firxa tal-possibiltajiet għal min iħaddem u għall-ħaddiema.

F'xi kumpaniji, ix-xogħol *part-time* sar aktar komuni fost dawk li jaħdmu f'pożizzjonijiet professjonali jew amministrattivi li jeħtieġu kwalifiki għoljin. Madankollu, fost il-forza tax-xogħol kollha, dan għadu fenomenu rari: tliet kwarti tal-kumpaniji m'għandhomx ħaddiema *part-time* f'dawn il-pożizzjonijiet.

## Konklużjonijiet tal-politika

Filwaqt li l-*part-time* għandu aspetti kemm pożittivi kif ukoll negattivi, huwa karatteristika tal-ħajja moderna tax-xogħol. Għal din ir-raġuni, dawk li jfasslu l-politika jistgħu jipprovdu opportunitajiet għal dawk li jixtiequ jaħdmu *part-time* biex jagħmlu dan, kemm jekk huma irġiel kif ukoll jekk huma nisa. Fl-istess ħin, huwa importanti li x-xogħol *full-time* ikun possibbli għall-persuni li jixtiequ u li huma kapaċi jaħdmu *full-time*.

Dawk li jfasslu l-politika għandhom jimmiraw li jnaqqsu d-differenzi identifikati fil-kondizzjonijiet tax-xogħol bejn il-ħaddiema *part-time* u l-ħaddiema *full-time*. Importanti li d-disparità fl-aċċess għat-taħriġ għandha titnaqqas.

Qegħdin jibdwew jiffaċċaw għamliet ġodda ta' xogħol *part-time* flimkien ma' xogħol ta' ftit sigħat biss kull jum. Dawn l-għażliet ġodda jistgħu jiġu żviluppati aktar u l-użu tagħhom jitħeġġeġ, u b'hekk jiprovdu aktar flessibilità għall-kumpaniji u għall-ħaddiema. Ikun utli li jiġu identifikati u skambjati l-prattiki tajbin dwar x'jaħdem sew għall-kumpaniji u l-impjegati.

Il-*part-time* fost il-manijers u n-nies li jaħdmu f'karigi ta' kwalifiki għoljin huwa marġinali. Minħabba li dan jista' jkun ta' ostaklu għal rappreżentazzjoni aktar indaqs tan-nisa f'karigi manijerjali (u ta' kwalifiki għoljin), huwa għal darb'oħra meħtieġ li tiġi identifikata u mxerrda l-prattika tajba tal-kumpaniji f'dan ir-rigward.

### Aktar informazzjoni

Xogħol *part-time* fl-Unjoni Ewropea:  
[www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1086.htm](http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1086.htm)

Eszter Sandor, Uffiċjal tar-Riċerka:  
[esa@eurofound.europa.eu](mailto:esa@eurofound.europa.eu)